MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 827/2000/1

**Avviz Nru 827/00 DM**

**Mary mart Hugo Agius f'isimha proprju u bhala mandatarju, f'isem u in rappresentanza ta' huha l-assenti Walter Rizzo; Ena mart Edwin Mifsud, Beatrice mart Ethelwald sive Wally Vella, John Rizzo u Joseph Rizzo, ilkoll ahwa Rizzo**

**vs**

**Joseph Porsella Flores**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex jizgumbra mill-fond 69, Triq il-Palma, Paola, f'dak iz-zmien u taht dawk il-kundizzjonijiet li jigu prefissi mill-Qorti, prevja dikjarazzjoni illi il-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas il-kera annwali dovuta minnhu ghall-kiri tal-fond 69, Triq il-Palma, Paola, nonostante

interpellat diversi drabi anke permezz ta' zewg ittri ufficjali tas-16 ta' Gunju 1999 u tas-6 ta' Settembru 1999.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 1999 u tas-6 ta' Settembru 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza, l-atturi jiddikjaraw illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond fuq deskritt b'titolu tal-kera regolat mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u li l-kera anwali tammonta ghal Lm263.04 fis – sena.

Salvi azzjonijiet ohra, inkluzi dawk ghall-arretrati fil-kera u ghad-danni li jistghu talvolta jezistu fil-fond mikri, favur l-atturi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Porsella-Flores fejn eccipixxa illi:-

1 In-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti billi dan huwa kaz ta' tigdid ta' kiri;
2 Bla pregudizzju, jehtieg li ssir il-legittimazzjoni tal-atti wara li fil-moiri gie nieqes Walter Rizzo, wiehed mill-atturi;
3 Bla pregudizzju, in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju billi l-atturi ma harrkux ukoll lil mart l-eccippjenti, a tenur tal-art. 1322, Kap 16;
4 Bla pregudizzju, l-intempestivita' tal-azzjoni billi l-eccippjenti qatt ma irrifjuta li jhallas il-kera dovuta, tant li huwa iddepozitaha bic-cedoli 497/1999; 582/1999; 1166/1999; 1939/1999; 1162/2000; 1352/2000; 1374/2000; u 2100/2000. In-nuqqas ta' qbil dwar il-"quantum" tal-kera hemm provvdut ghalih rimedju iehor li mhuwiex dak tal-izgumbrament.
5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru tas-sena 2001 fejn il-konvenut irrileva illi ma sarx il-hlas jew id-depositu tal-kawza ikkancellata.

Rat il-verbal tal-15 ta' Mejju ta' 2002 fejn il-partijiet qablu illi l-atturi offrew li jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza kkancellata wara li hu appuntat ghall-ewwel smigh taghha wara l-appuntament izda l-konvenut ma accettahomx.

Rat il-verbal tal-5 ta' Marzu 2003 fejn gie relevat mill-konvenut illi l-atturi qatt m'ghamlu hlas u lanqas ma ddepozitaw l-ispejjez mar-rifjut ta' accettazzjoni tal-konvenut u dan b'riferenza ghal verbal tal-15 ta' Mejju 2002 wara r-riappuntament tal-kawza, li effettivament qabel ir-riappuntament tal-kawza qatt ma saret offerta tal-ispejjez kollha skond it-tariffa kif tipprovdi l-ligi Art 199;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 t'April tas-sena 2003 fejn il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni dwar l-irritwalita ta' riappuntament ibbazata fuq l-fatt illi l-atturi ma kienux hallsu jew ghamlu depositu tal-ispejjez kollha tal-kawza kkancellata qabel l-ewwel jum tas-smigh wara riappuntament.

Rat in-nota tal-attrici pro et noe et pprezentata fid-9 ta' Mejju 2003

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-irritwalita' ta' riappuntament

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenut Joseph Porsella Flores; u

Ikkunsidrat:-

Mill-atti tal-process jirrizulta illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Gunju tas-sena 2001, din il-kawza kienet giet ikkancellata minn fuq il-lista billi l-atturi ma kienux inizjaw ebda procedura ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju kif kien mistenni minnhom.

Illi b'digriet tas-6 ta' Gunju tas-sena 2001 din il-Qorti kienet laqghat it-talba tal-istess atturi ghar-riappuntament tal-kawza u kienet appuntat il-kawza ikkancellata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Novembru tas-sena 2001.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija ibbazata fuq il-provvedimenti tal-Artikolu 199 (3) tal-Kap 12 li jipprovdi illi l-attur illi jitlob ir-riappuntament tal-kawza ikkancellata ghandhu jhallas jew jiddeposita fir-registru tal-Qorti qabel il-jum stabbilita ghas-smigh tal-kawza, l-ispejjez kollha stabbiliti fit-tarifa u li johorgu mill-fatt li l-attur naqas li jidher jew mill-fatt li l-avvukat jew il-prokuratur legali tieghu naqsu li jidhru skond il-kaz.

Il-konvenut jallega illi qabel il-jum stabbilit ghas-smigh tal-kawza, wara ir-riappuntament, l-atturi kienu ghadhom ma hallsux u lanqas ma ddepositaw l-ispejjez kollha tal-kawza stabbiliti mit-tariffa.

Dan ma giex ikkontestat mill-atturi. Infatti kif xehdet il-PL Melissa Anastasi, hija kienet, mat-talba ghar-riappuntament, iddepositat biss somma ta' Lm2 (zewg liri Maltin) li hija jsosstni illi kien l-ammont illi gie ndikat lilha mir-registru bhala l-ispejjez tal-kawza stabbiliti mit-tariffa.

Pero', minn ezami tal-ircevuta esibita mill-istess PL Melissa Anastasi, din l-istess ircevuta ma tirrigwardax id-depositu tal-ispejjez tal-kawza kancellata, izda hija rcevuta li tirrigwarda l-ispejjez tar-registru ghal prezentata tar-rikors fejn intalab ir-riappuntament.

Ghalhekk huwa stabbilit illi qabel il-jum iffisat mill-Qorti ghas-smigh tal-kawza l-atturi kienu ghadhom ma ghamlu ebda hlas jew depositi tal-ispejjez tal-kawza kif jitlob l-Artikolu 199 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Izda jirrizulta illi fil-mori tal-kawza, meta giet rilaxxata t-taxxa relattiva mir-registru, l-atturi effettivament ghaddew ghad-depositu tal-ispejjez kollha tal-kawza kancellata kif jirrizulta minn dokument A (a fol 39 tal-process), u l-kopja tac-cedola tad-depositu tat-28 ta' Marzu tas-sena 2003.

Ghalhekk jidher illi r-rekwizit tal-Artikolu imsemmi, 199 (3) gie sodisfatt mill-atturi izda mhux qabel il-jum stabbilit ghas-smigh tal-kawza riappuntata izda fi stadju ulterjuri, pero dejjem qabel ma beda s-smigh tal-kawza fil-mertu.

Ghaldaqstant dak li trid tiddecidi l-Qorti huwa jekk ir-rekwizit tal-hlas jew depositu kif jiddisponi l-imsemmi Artikolu 199 tal-Kap 12, ghandux jigi interpretat *ad literam* u b'certa rigorosita' fis-sens li, skadut il-jum iffisat mill-Qorti ghas-smigh tal-kawza fid-digriet tar-riappuntament, jekk id-depositu jew hlas ma jkunx sar sa dak in-nhar, allura r-riappuntament ghandhu jigi ddikjarat null u bla ebda effett u l-kawza tibqa ikkancellata.

Din il-Qorti jidrilha li tenut kont ta' diversi cirkostanzi dan l-Artikolu imsemmi ghandhu jigi nterpretat b'certa cirko spezzjoni u fid-dawl tac-cirkostanzi specjali ta' kull kaz.

Infatti f'dan il-kaz jidher illi d-digriet ta' kancellament, kif moghti mill-Qorti fl-1 ta' Gunju tas-sena 2001 ibbazat fuq il-fatt illi l-atturi ma kienux ghamlu ebda proceduri ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju, kien ipprovokat esklussivament minn nuqqas serju da parti tar-registru tal-Qorti li ma kienux wasslu quddiema il-Qorti fi zmien utli; r-rikors tal-atturi ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju li effettivament kien digia' pprezentat minnhom fit-30 ta' Mejju ossia jumejn qabel ma nghata l-istess digriet.
Inoltre jigi nnotat ukoll illi dak in-nhar li nghata d-digriet tal-kancellament il-konvenut kien rapprezentat fl-udjenza mill-avvukat tieghu u ghalhekk kien dettat mill-Ligi, li l-Qorti ma tipronunzjax digriet ta' kancellament izda wiehed ta' liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Inoltre l-Artikolu 200 (1) jipprovdi illi meta jkunx sar hlas dettat minn dan il-kodici ta' spejjez tal-kawza, u l-konvenut jirrileva dan in –nuqqas il-Qorti tista', meta jidrilha xierqa, takkorda zmien lill-attur biex jottempra ruhhu.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi huwa ekwu illi dan l-Artikolu 200 (1) tal-Kap 12 jigi applikat ukoll ghal kaz ta' kancellament u depositu tal-ispejjez tal-kawza ikkancellata u billi infatti

dan id-depositu tal-ispejjez kollha tal-kawza ikkancellata effettivament kien digia sar mill-atturi, l-Qorti qedgha tiddikjara illi nuqqas tal-atturi huwa effettivament sanat u ghaldaqstant tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar l-irritwalita u nullita tar-riappuntament ta' din il-kawza;

Bl-ispejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------